SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

15 ta' Lulju 2021 *

"Appell – Servizz pubbliku – Proċeduri dixxiplinari – Sanzjoni dixxiplinari – Determinazzjoni ta' din is-sanzjoni – Żamma mill-ammont tal-pensjoni – Kundanna kriminali u ċivili quddiem il-qrati nazzjonali – Kumpens, totali jew parzjali, għad-dannu morali kkawżat lill-Unjoni Ewropea – Assenza ta' rilevanza ta' dan il-kumpens – Artikolu 10 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea – Prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament – Prinċipju ta' proporzjonalità"

Fil-Kawża C-851/19 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fid-19 ta' Novembru 2019,

DK, inizjalment irrappreżentat minn S. Orlandi u T. Martin, sussegwentement minn S. Orlandi, avocats,

appellant,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Is-**Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE)**, irrappreżentat minn S. Marquardt u R. Spáč, bħala aġenti,

konvenut fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn A. Arabadjiev, President tal-Awla, A. Kumin, T. von Danwitz (Relatur), P. G. Xuereb u I. Ziemele, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: G. Hogan,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2020,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Sentenza

1 Permezz tal-appell tiegħu, DK jitlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-10 ta' Settembru 2019, DK vs SEAE (T-217/18, mhux ippubblikata, EU:T:2019:571), li permezz tagħha din ċaħdet ir-rikors tiegħu intiż, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), tat-23 ta' Mejju 2017, li timponi fuqu sanzjoni dixxiplinari (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża") u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-dannu li huwa ġarrab minħabba allegat ksur mis-SEAE tad-drittijiet tad-difiża tiegħu fil-kuntest tal-proċedura kriminali tiegħu kontrih fil-Belġju.

Il-kuntest ġuridiku

2 L-Artikolu 22 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, fil-verżjoni tagħhom applikabbli għat-tilwima (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal"), li jinsab fit-Titolu II tagħhom, intitolat "Drittijiet u obbligi ta' l-uffiċjali", jipprovdi, fl-ewwel paragrafu tiegħu:

"Uffiċjal jista' jkun mitlub li jagħmel tajjeb, kompletament jew parzjalment, għal kull ħsara soffruta mill-Unjoni [Ewropea] minħabba riżultat ta' mġieba ħażina serja min naħa tiegħu fil-kors jew f'konnessjoni mal-qadi tad-dmirijietu."

3 L-Artikolu 86 tar-Regolamenti tal-Persunal, li jinsab fit-Titolu VI ta' dawn ir-regolamenti, intitolat "Miżuri dixxiplinari", huwa fformulat kif ġej:

"1. Kull nuqqas minn uffiċjal jew minn dak li qabel kien uffiċjal biex iħares l-obbligi tiegħu taħt dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, kemm jekk intenzjonalment jew b'negliġenza min-naħa tiegħu, tista' tittieħed azzjoni kontrih.

2. Fejn l-Awtorità tal-Ħatra jew OLAF [l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi] isiru jafu b'evidenza ta' nuqqas fis-sens tal-paragrafu 1, jistgħu jibdew investigazzjonijiet amministrattivi biex jivverifikaw jekk it-tali nuqqas sarx.

3. Regoli, proċeduri u miżuri dixxiplinarji, u r-regoli u l-proċeduri li jkopru l-investigazzjonijiet amministrattivi mniżżla fl-Anness IX."

4 L-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal jirrigwarda, skont it-titolu tiegħu, il-"Proċeduri dixxiplinarji". L-Artikolu 9 ta' dan l-anness, li jinsab fit-Taqsima 3 tiegħu, intitolat "Miżuri dixxiplinarji", jipprovdi:

"1. L-Awtorità tal-Ħatra tista' timponi wieħed mill-pieni li ġejjin:

a) twissija bil-miktub;

b) ċanfira;

ċ) posponiment ta' promozzjoni għal skala ogħla għal perjodu ta' bejn xahar u 23 xahar;

d) relegazzjoni fl-iskala;

e) tnaqqis temporanju fil-posizzjoni għal perjodu ta' bejn 15-il ġurnata u sena;

f) tnaqqis fil-posizzjoni fl-istess grupp tal-funzjoni;

g) klassifikazzjoni fi grupp aktar baxx tal-funzjoni, bi jew mingħajr tnaqqis fil-posizzjoni;

h) tneħħija minn posizzjoni u, fejn ikun il-każ, tnaqqis pro tempore ta' pensjoni jew jinżamm, għal perjodu stabbilit, ammont mill-benefiċċju ta' l-invaliditàl-effett ta' din il-miżura m'għandux jestendi għad-dipendenti ta' l-uffiċjal. Iżda, fil-każ tat-tali tnaqqis, id-dħul ta' dak li qabel kien uffiċjal ma jistax ikun anqas mis-somma minima ta' l-għajxien, imniżżla fl-Artikolu 6 ta' l-Anness VIII, bl-addizzjoni ta' xi benefiċċji pagabbli tal-familja.

2. Fejn l-uffiċjal jirċievi pensjoni ta' l-irtirar jew benefiċċju ta' l-invaliditàl-Awtorità tal-Ħatra tista' tiddeċiedi li żżomm ammont mill-pensjoni jew mill-benefiċċju ta' l-invaliditàgħal tali perjodu; l-effett ta' din il-miżura m'għandux jestendi għad-dipendenti ta' l-uffiċjal. Iżda, id-dħul ta' l-uffiċjal ma jistax ikun anqas mis-somma minima ta' l-għajxien, imniżżla fl-Artikolu 6 ta' l-Anness VIII, bl-addizzjoni ta' xi benefiċċji pagabbli tal-familja.

3. Każ wieħed ta' kondotta ħażina ma twassalx għal aktar minn piena dixxiplinarja waħda."

5 Skont l-Artikolu 10 ta' dan l-anness:

"Kemm ikunu ħorox il-pieni dixxiplinarji imposti jiddependu kemm hija serja l-kondotta ħażina. Biex tkun stabbilita l-serjetà tal-kondotta ħażina u biex tkun deċiża l-piena dixxiplinarja li għandha tkun imposta, għandu jkun ikkunsidrat partikolarment:

a) it-tip ta' kondotta ħażina u f'liema ċirkostanzi ġrat,

b) sa liema punt il-kondotta ħażina affettwat ħażin l-integrità, ir-reputazzjoni jew l-interessi ta' l-istituzzjonijiet,

ċ) sa liema punt il-kondotta ħażina tinvolvi azzjonijiet intenzjonali jew negliġenza,

d) ir-raġunijiet tal-kondotta ħażina ta' l-uffiċjal,

e) il-grad u s-senjorità ta' l-uffiċjal,

f) il-livell tar-responsabbiltà personali ta' l-uffiċjal,

g) il-livell tad-dmirijiet u r-responsabbiltajiet ta' l-uffiċjal,

h) jekk il-kondotta ħażina tinvolvix azzjoni jew imġiba ripetuta,

i) il-kondotta ta' l-uffiċjali matul il-karriera tiegħu."

6 L-Artikolu 25 tal-imsemmi anness, li jinsab fit-Taqsima 7 ta' dan, intitolata "Prosekuzzjoni kriminali paralella", jipprevedi:

"Meta uffiċjal jitħarrek għal dawk l-istess atti, deċiżjoni finali tittieħed biss wara li sentenza finali tingħata mill-qorti li qed jisma' l-kawża."

Il-fatti li wasslu għall-kawża

7 DK daħal fis-servizz tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej bħala uffiċjal fl-1994. Matul is-sena 1999, huwa ġie inkarigat bil-ġestjoni tal-proprjetà immobbli ta' din l-istituzzjoni fil-pajjiżi terzi. Mill-1 ta' Jannar 2011, huwa ġie assenjat lis-SEAE. Fl-1 ta' Jannar 2016, l-appellant irtira kmieni.

Il-proċedura kriminali mibdija kontra DK fil-Belġju

8 Matul is-sena 2004, inbdew proċeduri kriminali kontra DK fil-Belġju għal atti ta' korruzzjoni fil-ġestjoni ta' kuntratti pubbliċi li seħħew, sa mis-sena 1999, fuq perijodu ta' diversi snin. L-Unjoni, irrappreżentata mill-Kummissjoni, kienet parti ċivili f'dawk il-proċeduri.

9 Permezz ta' sentenza tas-16 ta' Mejju 2014, it-tribunal de première instance francophone de Bruxelles (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Brussell bil-lingwa Franċiża, il-Belġju) ikkundannat lil DK, fir-rigward ta' diversi reati mwettqa fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, għall-pieni li ġejjin:

– piena ta' sentejn priġunerija, sospiżi għal ħames snin;

– multa ta' EUR 27 500;

– projbizzjoni milli jaġixxi bħala direttur, maniġer jew awditur ta' kumpannija kummerċjali għal perijodu ta' 10 snin;

– piena ta' konfiska tas-somma ta' EUR 176 367.15.

10 Dik il-qorti kkundannat ukoll lil DK, fil-proċeduri ċivili, għall-ħlas *in solidum* tas-somma ta' EUR 25 000 bħala kumpens għad-dannu morali kkawżat lill-Unjoni li rriżulta mill-preġudizzju li l-persuna kkonċernata kienet ikkawżat lill-immaġni tagħha.

11 Permezz ta' sentenza tat-30 ta' Ġunju 2015, il-cour d'appel de Bruxelles (il-Qorti tal-Appell ta' Brussell, il-Belġju) ikkonfermat is-sentenza tal-imsemmija qorti tal-ewwel istanza, filwaqt li żiedet madankollu l-piena ta' priġunerija imposta fuq DK għal tliet snin sospiża għal ħames snin u stabbilixxiet għal EUR 38 814 l-ammont li DK kien ikkundannat għalih bħala kumpens għad-dannu morali li huwa kien ikkawża lill-Unjoni.

12 Fl-10 ta' Frar 2016, il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, il-Belġju) ċaħdet l-appell ippreżentat minn DK kontra s-sentenza ta' dik il-qorti tal-appell.

Il-proċeduri dixxiplinari skont ir-Regolamenti tal-Persunal

13 Permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' Mejju 2007, l-Awtorità tal-Ħatra tal-Kummissjoni bdiet proċeduri dixxiplinari kontra DK.

14 Peress li dawn il-proċeduri dixxiplinari ġew sospiżi sakemm jingħalqu definittivament il-proċeduri kriminali nazzjonali mibdija kontra l-persuna kkonċernata għall-istess fatti, is-SEAE kompla, permezz ta' deċiżjoni tat-12 ta' Lulju 2016, il-proċeduri dixxiplinari mibdija kontra DK.

15 Fit-12 ta' Diċembru 2016, wara li sema' lil DK, il-Bord tad-Dixxiplina adotta opinjoni motivata li ġiet innotifikata lill-persuna kkonċernata. F'din l-opinjoni, dan il-Bord tad-Dixxiplina osserva, fost l-oħrajn, li "l-fatti [kienu] stabbiliti mill-qrati kriminali nazzjonali", li "l-imġiba tal-uffiċjal [kienet] tikkostitwixxi ksur tal-Artikoli 11, 11a, 12 u 21 tar-Regolamenti tal-Persunal" u li "l-unika sanzjoni possibbli [kienet tikkonsisti] fiż-żamma ta' ammont mill-pensjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Fil-kuntest tal-evalwazzjoni tiegħu ta' ċirkustanzi aggravanti u attenwanti differenti, l-imsemmi Bord ta' Dixxiplina ħa inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, "il-fatt li l-qrati nazzjonali [kienu] diġà ordnaw lill-uffiċjal iħallas kumpens finanzjarju u morali" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Fuq dik il-bażi, l-istess bord ta' dixxiplina rrakkomanda li l-Awtorità tal-Ħatra tadotta sanzjoni dixxiplinari li tikkonsisti f'żamma ta' EUR 400 kull xahar mill-ammont tal-pensjoni netta ta' DK għal perijodu ta' tliet snin.

16 Permezz tad-deċiżjoni kontenzjuża, l-Awtorità tal-Ħatra imponiet fuq DK, wara li semgħetu, "is-sanzjoni ta' żamma ta' EUR 1 105 mill-pensjoni fix-xahar sat-30 ta' Settembru 2025 skont l-Artikolu 9(2) tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal".

17 Fl-20 ta' Diċembru 2017, l-Awtorità tal-Ħatra ċaħdet l-ilment li DK kien ressaq kontra d-deċiżjoni kontenzjuża.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

18 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-28 ta' Marzu 2018, DK ippreżenta rikors intiż, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-dannu li huwa allegatament ġarrab minħabba ksur tad-drittijiet tad-difiża tiegħu li s-SEAE allegatament wettaq fil-kuntest tal-proċeduri kriminali mibdija kontrih fil-Belġju.

19 Insostenn tat-talbiet tiegħu għal annullament, DK qajjem żewġ motivi, li jikkonċernaw, rispettivament, id-determinazzjoni tas-sanzjoni dixxiplinari li għandha tiġi imposta u t-teħid inkunsiderazzjoni ta' ċirkustanzi attenwanti fil-kuntest ta' din.

20 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ippreżentat minn DK bħala infondat sa fejn kien intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża u bħala inammissibbli u, fi kwalunkwe każ, infondat sa fejn kien intiż sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu allegatament imġarrab. Il-Qorti Ġenerali kkundannat ukoll lil DK għall-ispejjeż.

21 B'mod partikolari, fir-rigward tat-talba għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali, fil-punti 28 sa 53 tas-sentenza appellata, ċaħdet l-ewwel parti tal-ewwel motiv imqajjem minn DK, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni fit-teħid inkunsiderazzjoni ta' dannu li diġà ta lok għal kumpens. Il-Qorti Ġenerali, essenzjalment, qieset li l-Awtorità tal-Ħatra ma kinitx obbligata, fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 10 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, li tieħu inkunsiderazzjoni l-kumpens għad-dannu kkawżat lill-Unjoni li kien diġà ngħata fil-livell nazzjonali.

It-talbiet tal-partijiet

22 DK jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tannulla d-deċiżjoni kontenzjuża; u

– tikkundanna lis-SEAE għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

23 Is-SEAE jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell bħala infondat; u

– tikkundanna lil DK għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

L-argumenti tal-partijiet

24 Insostenn tal-appell tiegħu, DK iqajjem aggravju wieħed. Permezz tiegħu, huwa jsostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, fil-punt 52 tas-sentenza appellata, billi interpretat il-punt (b) tat-tieni sentenza tal-Artikolu 10 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal fis-sens li jippermetti lill-Awtorità tal-Ħatra tibbaża ruħha fuq id-dannu morali kkawżat lill-Unjoni sabiex tiġġustifika l-applikazzjoni ta' sanzjoni dixxiplinari iktar serja minn dik irrakkomandata mill-Bord ta' Dixxiplina, meta dan id-dannu diġà ta lok għal kumpens fuq il-livell nazzjonali.

25 Dan l-aggravju huwa maqsum fi tliet partijiet.

26 L-ewwel, DK isostni, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset, fil-punt 52 tas-sentenza appellata, li l-Awtorità tal-Ħatra ma kinitx wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta ddeċidiet li, skont il-punt (b) tat-tieni sentenza tal-Artikolu 10 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, hija ma kinitx obbligata li tieħu inkunsiderazzjoni l-kumpens għad-dannu kkawżat lill-Unjoni li kien diġà sar fuq il-livell nazzjonali. Huwa jqis li, skont l-Artikolu 25 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, l-Awtorità tal-Ħatra kienet marbuta bil-konstatazzjonijiet ta' fatt magħmula fuq il-livell nazzjonali kif ukoll mill-prinċipju li jgħid li dannu li ta lok għal kumpens totali huwa meqjus li qatt ma eżista.

27 It-tieni, DK essenzjalment isostni li, billi qieset, fil-punt 52 tas-sentenza appellata, li l-Awtorità tal-Ħatra ma kinitx obbligata tieħu inkunsiderazzjoni l-kumpens għad-dannu morali kkawżat lill-Unjoni li kien diġà ngħata fuq il-livell nazzjonali, il-Qorti Ġenerali kisret ukoll ir-rekwiżit ta' proporzjonalità tas-sanzjoni dixxiplinari u l-prinċipju li jgħid li dannu li ta lok għal kumpens totali huwa meqjus li qatt ma eżista. B'riferiment għall-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tad-9 ta' Settembru 1999, Lucaccioni vs Il-Kummissjoni (C-257/98 P, EU:C:1999:402, punti 19 u 20), DK isostni li, kuntrarjament għal dak li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet fil-punt 34 tas-sentenza appellata, dan l-aħħar prinċipju mhux biss huwa stabbilit fid-dritt Belġjan, iżda jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt komuni għas-sistemi legali tal-Istati Membri, li jipprojbixxi l-kumpens doppju għall-istess dannu.

28 It-tielet, DK josserva li, fil-punt 38 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, fil-fehma tiegħu, iddeċidiet ġustament li l-Artikolu 10 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal jirrifletti x-xewqa tal-leġiżlatur tal-Unjoni li ma jiksirx il-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament billi jirriżerva trattament differenti għall-uffiċjali li jkunu wettqu l-ksur skont il-portata tad-dannu kkawżat lill-istituzzjoni tal-Unjoni li dawn ikunu jagħmlu parti minnha. Madankollu, huwa jsostni li, fil-punti 39 sa 41 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali kisret dan il-prinċipju meta

kkunsidrat li l-fatt li d-dannu kkawżat lill-Unjoni diġà ta lok, totalment jew parzjalment, għal kumpens huwa irrilevanti fil-kuntest tad-determinazzjoni tas-sanzjonijiet dixxiplinari li għandhom jiġu imposti abbażi ta' dan l-Artikolu 10. Fil-fatt, skont DK, uffiċjal li jkun ikkumpensa d-dannu kkawżat lill-Unjoni ma jinsabx fl-istess sitwazzjoni bħal uffiċjal li ma pprovdiex tali kumpens.

29 Preliminarjament, is-SEAE jsostni li l-argument ta' DK li l-Awtorità tal-Ħatra aggravat is-sanzjoni li kienet ġiet imposta fuqu bit-teħid inkunsiderazzjoni ta' dannu li allegatament diġà ta lok għal kumpens huwa inammissibbli fl-istadju tal-appell, sa fejn dan l-argument ma huwiex intiż li juri eventwali żball ta' liġi tal-Qorti Ġenerali, iżda jikkontesta l-evalwazzjoni tal-Awtorità tal-Ħatra u jikkostitwixxi riformulazzjoni ta' motiv imqajjem fl-ewwel istanza. Barra minn hekk, kieku DK kellu jinvoka ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, l-imsemmi argument jikkontesta wkoll l-evalwazzjoni tal-Awtorità tal-Ħatra u mhux is-sentenza appellata. Barra minn hekk, DK invoka l-istess argument għall-ewwel darba fl-istadju tal-appell.

30 Fir-rigward tal-mertu, is-SEAE jsostni li l-aggravju uniku tal-appell għandu jiġi miċħud. Fil-fehma tiegħu, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta qieset li l-kumpens għad-dannu morali kkawżat lill-Unjoni, kif dan tal-aħħar ġie kkonstatat fuq il-livell nazzjonali, ma għandux effett fuq l-evalwazzjoni tal-gravità tan-nuqqas dixxiplinari mwettaq skont l-Artikolu 10 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal.

L-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Fuq l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mis-SEAE

31 L-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mis-SEAE hija, fl-ewwel lok, ibbażata fuq il-motiv li l-argument invokat minn DK ma huwiex intiż sabiex juri eventwali żball ta' liġi tal-Qorti Ġenerali, iżda li jikkontesta l-evalwazzjoni tal-Awtorità tal-Ħatra u jikkostitwixxi, barra minn hekk, riformulazzjoni ta' motiv imqajjem fl-ewwel istanza.

32 F'dan ir-rigward, mill-Artikolu 256 TFUE, mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, mill-Artikolu 168(1)(d) u mill-Artikolu 169 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li appell għandu jindika b'mod preċiż l-elementi kkritikati tas-sentenza li jkun qiegħed jintalab l-annullament tagħha kif ukoll l-argumenti legali mqajma speċifikament insostenn ta' din it-talba. Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, dan ir-rekwiżit ma jkunx issodisfatt minn appell li, mingħajr ma jinkludi argument li speċifikament jidentifika l-iżball ta' liġi li allegatament jivvizzja s-sentenza appellata, sempliċement jirriproduċi l-motivi u l-argumenti li jkunu diġà tressqu quddiem il-Qorti Ġenerali. Fil-fatt, appell bħal dan fir-realtà jikkostitwixxi talba għal sempliċi eżami mill-ġdid tar-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali, li ma jaqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tas-16 ta' Diċembru 2020, Il-Kunsill *et* vs K. Chrysostomides & Co. *et*, C-597/18 P, C-598/18 P, C-603/18 P u C-604/18 P, EU:C:2020:1028, punt 127 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

33 Madankollu, ladarba appellant jikkontesta l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali, il-punti ta' liġi eżaminati fl-ewwel istanza jistgħu jiġu diskussi mill-ġdid f'appell. Fil-fatt, li kieku appellant ma jkunx jista' jibbaża l-appell tiegħu b'dan il-mod fuq motivi u argumenti li jkunu diġà ntużaw quddiem il-Qorti Ġenerali, il-proċedura ta'

appell tkun imċaħħda minn parti mis-sens tagħha (sentenzi tad-9 ta' Lulju 2020, Haswani vs Il-Kunsill, C-241/19 P, EU:C:2020:545, punt 50, u tad-9 ta' Diċembru 2020, Groupe Canal + vs Il-Kummissjoni, C-132/19 P, EU:C:2020:1007, punt 19 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

34 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li, permezz tal-appell, DK jikkritika l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali, li tinsab fil-punt 52 tas-sentenza appellata, li l-Awtorità tal-Ħatra ma wettqitx żball manifest ta' evalwazzjoni meta ddeċidiet li, fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 10 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, ma kellux jittieħed inkunsiderazzjoni l-kumpens għad-dannu kkawżat lill-Unjoni li kien diġà seħħ fuq il-livell nazzjonali, kif ukoll l-analiżi legali li wasslitha sabiex tiċħad l-ewwel parti tal-ewwel motiv imqajjem quddiem il-Qorti Ġenerali. Barra minn hekk, għalkemm l-appell jirreferi għall-evalwazzjoni tal-Awtorità tal-Ħatra, huwa jagħmel dan biss sa fejn dan huwa kkonfermat mill-Qorti Ġenerali u għall-finijiet li jikkontesta allegati żbalji ta' liġi mwettqa minn din tal-aħħar, mingħajr ma jillimita ruħu li jirriproduċi l-motivi u l-argumenti li diġà ġew ippreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali.

35 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-argument tas-SEAE, li DK invoka ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament għall-ewwel darba fl-istadju tal-appell, għandu jitfakkar li, fil-kuntest ta' appell, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja hija limitata għall-evalwazzjoni tas-soluzzjoni legali li ngħatat għall-motivi u għall-argumenti diskussi quddiem il-Qorti Ġenerali. Madankollu, fil-kuntest ta' aggravju li huwa ammissibbli, bħala prinċipju huwa l-appellant li għandu jiżviluppa l-argumenti insostenn ta' dan l-aggravju kif huwa jidhirlu xieraq, jew billi jibbaża ruħu fuq argumenti użati diġà quddiem il-Qorti Ġenerali jew billi jiżviluppa argumenti ġodda, b'mod partikolari fir-rigward tal-pożizzjoni meħuda mill-Qorti Ġenerali. Jekk ikun mod ieħor, il-proċedura ta' appell tkun imċaħħda minn parti mis-sens tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Jannar 2007, PKK u KNK vs Il-Kunsill, C-229/05 P, EU:C:2007:32, punti 61 u 64, kif ukoll tad-19 ta' Diċembru 2019, HK vs Il-Kummissjoni, C-460/18 P, EU:C:2019:1119, punti 26 u 27).

36 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 10 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal u l-applikazzjoni tiegħu fil-kuntest ta' dannu tal-Unjoni li diġà ta lok għal kumpens ġew diskussi quddiem il-Qorti Ġenerali fil-kuntest tal-proċedura fl-ewwel istanza. Issa, l-argument invokat minn DK, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, huwa intiż li jikkontesta l-analiżi tal-Qorti Ġenerali dwar l-ewwel parti tal-ewwel motiv tar-rikors imqajjem quddiemha. Fil-kuntest ta' din l-analiżi, din, fil-punti 38 sa 41 tas-sentenza appellata, enfasizzat il-fatt li n-nuqqasijiet imwettqa mill-uffiċjali tal-Unjoni kellhom jiġu ttrattati b'mod differenti skont il-portata tad-dannu kkawżat, filwaqt li kkunsidrat li l-fatt li dan id-dannu diġà ta lok, totalment jew parzjalment, għal kumpens, huwa irrilevanti għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-gravità tan-nuqqas imwettaq, għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni. B'dan il-mod, dan l-argument huwa intiż sabiex jikkontesta b'mod iddettaljat l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali tal-imsemmija dispożizzjoni, f'dawn il-punti tas-sentenza appellata, u ma jikkostitwixxix aggravju ġdid li l-produzzjoni tiegħu fl-istadju tal-appell hija pprojbita (ara, b'analoġija, is-sentenzi tat-18 ta' Jannar 2007, PKK u KNK vs Il-Kunsill, C-229/05 P, EU:C:2007:32, punt 63, kif ukoll tad-19 ta' Diċembru 2019, HK vs Il-Kummissjoni, C-460/18 P, EU:C:2019:1119, punt 28).

37 Għaldaqstant, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mis-SEAE għandha tiġi miċħuda.

Fuq il-mertu

38 Fil-kuntest tal-ewwel parti tal-aggravju uniku tal-appell, ibbażata fuq ksur tal-punt (b) tat-tieni sentenza tal-Artikolu 10 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, moqri flimkien mal-Artikolu 25 ta' dan l-anness tar-Regolamenti tal-Persunal, DK isostni, essenzjalment, li dannu li ta lok għal kumpens totali ma jistax jittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-gravità tan-nuqqas dixxiplinari mwettaq, għar-raġuni li, skont din id-dispożizzjoni, l-Awtorità tal-Ħatra hija marbuta bil-konstatazzjonijiet ta' fatt magħmula mill-qrati kriminali nazzjonali kif ukoll mill-prinċipju li jgħid li dannu li ta lok għal kumpens totali jitqies li qatt ma eżista.

39 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 10 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, is-sanzjoni dixxiplinari imposta għandha tkun fi proporzjon mal-gravità tan-nuqqas imwettaq. It-tieni sentenza tal-Artikolu 10 ta' dan l-anness tippreċiża, b'mod mhux eżawrjenti, fil-punti (a) sa (i) tagħha, ċertu numru ta' elementi li huma "b'mod partikolari" meħuda inkunsiderazzjoni sabiex tiġi ddeterminata l-gravità tan-nuqqas imwettaq u sabiex tiġi deċiża s-sanzjoni dixxiplinari li għandha tiġi imposta. Fost dawn l-elementi hemm, skont il-punt (b) tat-tieni sentenza tal-Artikolu 10 tal-imsemmi anness, "sa liema punt il-kondotta ħażina affettwat ħażin l-integrità, ir-reputazzjoni jew l-interessi ta' l-istituzzjonijiet".

40 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 25 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, meta l-uffiċjal ikkonċernat ikun is-suġġett ta' proċeduri kriminali għall-istess fatti bħal dawk li għalihom huwa s-suġġett ta' proċeduri dixxiplinari, is-sitwazzjoni tiegħu tiġi definittivament deċiża biss wara li d-deċiżjoni mogħtija mill-qorti kriminali nazzjonali adita tkun saret definittiva. Din id-dispożizzjoni tirrispondi, minn naħa, għax-xewqa li ma tiġix affettwata l-pożizzjoni tal-uffiċjal inkwistjoni fil-kuntest tal-proċeduri kriminali li jinbdew kontrih minħabba fatti li barra minn hekk huma s-suġġett ta' proċedura dixxiplinari fi ħdan l-istituzzjoni tiegħu u tippermetti, min-naħa l-oħra, li jittieħdu inkunsiderazzjoni, fil-kuntest ta' din il-proċedura dixxiplinari, konstatazzjonijiet ta' fatt magħmula mill-qorti kriminali nazzjonali meta d-deċiżjoni ta' din tal-aħħar tkun saret definittiva.

41 L-imsemmija dispożizzjoni ma tippreċiżax jekk il-konstatazzjonijiet ta' fatt magħmula mill-qorti kriminali nazzjonali jistgħux jorbtu lill-Awtorità tal-Ħatra fil-kuntest tal-imsemmija proċedura dixxiplinari. Fi kwalunkwe każ, il-klassifikazzjoni ġuridika tal-fatti fid-dawl tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni, bħall-Artikolu 10 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, tappartjeni biss lill-awtoritajiet tal-Unjoni kompetenti. Dawn l-awtoritajiet ma jistgħux ikunu marbuta b'eventwali klassifikazzjoni ta' dawn il-fatti magħmula fil-kuntest tal-proċedura kriminali nazzjonali (ara b'analoġija, fir-rigward ta' proċedura dixxiplinari rigward membru tal-Kummissjoni, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2006, Il-Kummissjoni vs Cresson, C-432/04, EU:C:2006:455, punt 121). Fil-fatt, peress li dan l-Artikolu 10 ma jagħmilx riferiment espliċitu għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiddetermina s-sens u l-portata tiegħu, huwa għandu jingħata interpretazzjoni awtonoma u uniformi fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, sabiex tiġi żgurata l-ugwaljanza fit-trattament tal-uffiċjali fil-kuntest tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal (ara b'analoġija, fir-rigward tal-Artikolu 85a tar-Regolamenti tal-Persunal, is-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2015, Axa Belgium, C-494/14, EU:C:2015:692, punti 21 u 23 sa 25).

42 F'dan il-każ, mill-punti 8, 10 u 11 ta' din is-sentenza jirriżulta li t-tribunal de première instance francophone de Bruxelles (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Brussell bil-lingwa Franċiża) u, fl-appell, il-cour d'appel de Bruxelles (il-Qorti tal-Appell ta' Brussell) ikkundannaw lil DK sabiex

jikkumpensa, fl-ammont ta' EUR 38 814, id-dannu morali li huwa kkawża lill-Unjoni, skont il-konstatazzjonijiet ta' dawn il-qrati kriminali, permezz ta' atti ta' korruzzjoni fil-ġestjoni ta' kuntratti pubbliċi mwettqa matul il-perijodu bejn is-sena 1999 u s-sena 2005.

43 Madankollu, id-determinazzjoni, mill-imsemmija qrati kriminali, fil-kuntest tad-dritt nazzjonali, tal-portata tad-dannu morali mġarrab mill-Unjoni u tal-kumpens li jirriżulta minnu, bl-ebda mod ma tippreġudika t-teħid inkunsiderazzjoni tal-imsemmi dannu u tal-eventwali kumpens tiegħu għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-gravità tan-nuqqas dixxiplinari mwettaq mill-persuna kkonċernata, peress li tali operazzjoni ma tikkostitwixxix kwistjoni ta' fatt, iżda taqa' taħt il-klassifikazzjoni legali tal-fatti li għandha ssir mill-Awtorità tal-Ħatra fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, mingħajr ma l-Awtorità tal-Ħatra hija marbuta, f'dan ir-rigward, minn eventwali klassifikazzjoni magħmula fil-kuntest tal-proċeduri kriminali fuq il-livell nazzjonali.

44 Issa, xejn fil-kliem tal-punt (b) tat-tieni sentenza tal-Artikolu 10 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal ma jissuġġetta d-determinazzjoni tal-gravità tan-nuqqas imwettaq mill-uffiċjal ikkonċernat u tas-sanzjoni dixxiplinari li għandha tiġi imposta fuq dan tal-aħħar, fid-dawl tal-importanza tad-dannu kkawżat lill-integrità, lir-reputazzjoni jew lill-interessi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni minħabba n-nuqqas imwettaq, għall-kundizzjoni li dan id-dannu ma jkunx għadu ta lok għal kumpens. Fil-fatt, kif il-Qorti Ġenerali osservat ġustament fil-punt 39 tas-sentenza appellata, fil-kuntest tal-proċedura dixxiplinari tal-Artikolu 10 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, huwa irrilevanti li d-dannu seta' ta lok, parzjalment jew totalment, għal kumpens billi l-iskop tal-Artikolu 10(b) tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal ma huwiex li jingħata kumpens iżda li tiġi imposta piena. Fi kwalunkwe każ, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li jinsabu fil-punti 40 u 41 ta' din is-sentenza, mill-Artikolu 25 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal ma jistax jiġi dedott li l-prinċipju tad-dritt ċivili ta' Stat Membru, li jgħid li dannu li ta lok għal kumpens totali huwa meqjus li qatt ma eżista, jista' jiġi applikat *mutatis mutandis* fil-kuntest ta' proċedura dixxiplinari.

45 Għaldaqstant l-ewwel parti tal-aggravju uniku għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

46 Permezz tat-tielet parti tal-aggravju uniku tal-appell, li għandha tiġi eżaminata fit-tieni lok, DK isostni, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament meta ddeċidiet, fil-punti 39 sa 41 tas-sentenza appellata, li huwa irrilevanti, fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-gravità tan-nuqqas dixxiplinari mwettaq, li d-dannu kkawżat lill-Unjoni diġà ta lok, totalment jew parzjalment, għal kumpens.

47 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jeżiġi li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati bl-istess mod, sakemm dan ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (sentenzi tas-7 ta' Marzu 2017, RPO, C-390/15, EU:C:2017:174, punt 41, kif ukoll tal-25 ta' Ġunju 2020, CSUE/KF, C-14/19 P, EU:C:2020:492, punt 90 u l-ġurisprudenza ċċitata).

48 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-elementi li jiddistingwu sitwazzjonijiet differenti, kif ukoll in-natura eventwalment komparabbli tagħhom, għandhom jiġu stabbiliti u evalwati fid-dawl tas-suġġett tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni u tal-għan segwit minnhom, bil-kundizzjoni li jittieħdu inkunsiderazzjoni, għal dan il-għan, il-prinċipji u l-għanijiet tal-qasam inkwistjoni (sentenzi tas-7 ta' Marzu 2017, RPO, C-390/15, EU:C:2017:174, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tas-6 ta' Settembru 2018, Piessevaux vs Il-Kunsill, C-454/17 P, mhux ippubblikata, EU:C:2018:680, punt 79).

49 F'dan il-każ, DK isostni li uffiċjal li jkun ikkumpensa d-dannu kkawżat lill-Unjoni ma huwiex fl-istess sitwazzjoni bħal uffiċjal li ma pprovdiex tali kumpens, b'tali mod li, fil-fehma tiegħu, id-dannu kkawżat mill-ewwel wieħed minn dawn l-uffiċjali ma għandux jittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-punt (b) tat-tieni sentenza tal-Artikolu 10 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal.

50 Fil-punt 39 ta' din is-sentenza tfakkar li dan l-Artikolu 10 jirregola d-determinazzjoni tas-sanzjoni dixxiplinari li għandha tiġi imposta u jipprovdi li din is-sanzjoni għandha tkun fi proporzjon mal-gravità tan-nuqqas imwettaq, b'mod partikolari fid-dawl tal-importanza tad-dannu kkawżat lill-Unjoni. Kif il-Qorti Ġenerali rrilevat, essenzjalment, fil-punt 37 tas-sentenza appellata, mill-kliem stess tal-imsemmi Artikolu 10 jirriżulta li l-miżura dixxiplinari li huwa jipprevedi għandha l-għan li tissanzjona aġir żbaljat. Skont l-Artikolu 86(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, tali aġir żbaljat jirriżulta minn kull nuqqas tal-uffiċjal ikkonċernat li jwettaq l-obbligi tiegħu taħt ir-Regolamenti tal-Persunal. Għalhekk, kif l-Avukat Ġenerali rrileva fil-punt 58 tal-konklużjonijiet tiegħu, ir-Regolamenti tal-Persunal huma intiżi sabiex jiżguraw l-osservanza tar-regoli u tal-obbligi li għandhom jiggarantixxu l-funzjonament tajjeb ta' istituzzjoni tal-Unjoni permezz tal-impożizzjoni ta' sanzjonijiet dixxiplinari.

51 Min-naħa l-oħra, billi dehret bħala parti ċivili fil-kuntest tal-proċeduri kriminali mibdija kontra DK fil-Belġju, l-Unjoni fittxet li tikseb kumpens għad-dannu morali kkawżat lir-reputazzjoni tagħha. Issa, kif l-Avukat Ġenerali osserva, essenzjalment, fil-punt 57 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-għoti ta' tali kumpens ma huwiex intiż sabiex jissanzjona l-aġir żbaljat tal-uffiċjal ikkonċernat, iżda sabiex jikseb kumpens ċivili tali li jistabbilixxi mill-ġdid is-sitwazzjoni preċedenti għal dan l-aġir.

52 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li s-suġġett u l-għan, minn naħa, tas-sanzjoni dixxiplinari imposta fuq DK u, min-naħa l-oħra, tal-kumpens għad-dannu kkawżat lill-Unjoni invokat minnu huma differenti.

53 Dan huwa iktar u iktar il-każ peress li, għalkemm l-Artikolu 86(1) tar-Regolamenti tal-Persunal jistabbilixxi bħala prinċipju li kull nuqqas ta' uffiċjal mit-twettiq tal-obbligi tiegħu taħt ir-Regolamenti tal-Persunal jista' jwassal għall-applikazzjoni ta' sanzjoni dixxiplinari fil-konfront tal-persuna kkonċernata, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 22 ta' dawn jipprevedi li dan l-uffiċjal jista' jkun obbligat jikkumpensa, totalment jew parzjalment, id-dannu subit mill-Unjoni minħabba nuqqasijiet personali serji li huwa wettaq fl-eżerċizzju jew fl-okkażjoni tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, b'tali mod li l-applikazzjoni ta' sanzjoni dixxiplinari u l-kumpens tad-dannu subit mill-Unjoni huma indipendenti wieħed mill-ieħor.

54 Għalhekk, il-fatt li uffiċjal ikun ikkumpensa d-dannu morali li huwa kkawża lill-Unjoni ma huwiex tali li jqiegħdu f'sitwazzjoni differenti minn dik ta' uffiċjal li ma wettaqx tali kumpens għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-gravità tan-nuqqas imwettaq minnu u tas-sanzjoni dixxiplinari li għandha tiġi imposta fuqu fid-dawl, b'mod partikolari, tal-importanza tad-dannu kkawżat lill-Unjoni, skont il-punt (b) tat-tieni sentenza tal-Artikolu 10 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal.

55 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma kisritx il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament meta ddeċidiet, fil-punti 39 sa 41 tas-sentenza appellata, li, fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-gravità tan-nuqqas dixxiplinari mwettaq minn uffiċjal u tas-sanzjoni dixxiplinari li għandha tiġi imposta fuqu abbażi ta' din id-dispożizzjoni, huwa irrilevanti li d-dannu kkawżat lill-Unjoni jkun diġà ta lok, totalment jew parzjalment, għal kumpens.

56 Għaldaqstant, it-tielet parti tal-aggravju uniku għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

57 Fir-rigward, fl-aħħar nett, tat-tieni parti tal-aggravju uniku tal-appell, ibbażata fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, għandu jiġi rrilevat li, għalkemm l-Awtorità tal-Ħatra imponiet fuq DK sanzjoni pekunjarja, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li jinsabu fil-punt 50 ta' din is-sentenza, din la għandha bħala suġġett u lanqas bħala għan il-kumpens tad-dannu kkawżat lill-Unjoni, iżda li tissanzjona n-nuqqas dixxiplinari li DK wettaq billi naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt ir-Regolamenti tal-Persunal. Għalhekk, kuntrarjament għal dak li jsostni dan tal-aħħar, l-applikazzjoni ta' tali sanzjoni ma tistax titqies li twassal sabiex dan id-dannu jiġi kkumpensat darbtejn bi ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Minn dan isegwi li l-kwistjoni dwar jekk il-prinċipju msemmi fil-punt 26 ta' din is-sentenza huwiex biss prinċipju tad-dritt ċivili Belġjan, inkella jikkostitwixxix, kif isostni r-rikorrent, prinċipju ġenerali tad-dritt komuni għas-sistemi legali tal-Istati Membri, li jipprojbixxi l-kumpens doppju tal-istess dannu, ma hijiex rilevanti f'dan il-każ.

58 Din il-konklużjoni ma tistax tiġi kkontestata mill-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tad-9 ta' Settembru 1999, Lucaccioni vs Il-Kummissjoni (C-257/98 P, EU:C:1999:402, punti 19 u 20), invokata minn DK insostenn tat-tielet parti tal-uniku aggravju tal-appell, sa fejn dik is-sentenza ma kinitx tikkonċerna, bħal f'dan il-każ, il-kumulu ta' kumpens u ta' sanzjoni dixxiplinari, iżda kienet tirrigwarda l-kumulu ta' forom differenti ta' kumpens għad-dannu kkawżat lil uffiċjal minħabba inċident jew mard.

59 Għaldaqstant, it-tielet parti tal-aggravju uniku għandha wkoll tiġi miċħuda bħala infondata.

60 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, l-appell għandu jiġi miċħud kollu kemm hu bħala infondat.

Fuq l-ispejjeż

61 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) ta' dawn l-istess regoli, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

62 Peress li DK tilef fl-uniku aggravju tiegħu, hemm lok li huwa jiġi ordnat ibati l-ispejjeż, kif mitlub mis-SEAE.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) DK huwa kkundannat għall-ispejjeż.

Firem